# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**Avv. Juliana Scerri Ferrante**

## Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Settembru 2023

## Talba numru 330/2021SFJ

## Estea Limited (C74300) vs. Joseph Camilleri (412756M)

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-12 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elfejn u disa' mitt Ewro (€2,900) bħala l-bilanċ rimanenti minn prezz ta' kċina mibjugħa u kkonsenjata lilu, kif ukoll ikkundannat iħallasha l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali datata 16 ta' Marzu 2021 u l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru numru 561/2020;

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentata fl-20 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

- Illi l-prezz miftiehem għall-kċina kien ta' erbat elef u tlett mitt Ewro (€4,300) u mhux kif indikat fl-Avviż tat-Talba;

- Illi kienet is-soċjetà attriċi li biddlet il-prezz għall-istess kċina, bil-konsegwenza li l-konvenut talabha tħassar il-kuntratt u tirrifondilu d-depożitu ta' elfejn Ewro (€2,000) mħallsin minnu;

- Illi s-soċjetà attriċi abbużivament u illegalment irrifjutat li tirrifondilu d-depożitu, anzi insistiet li d-depożitu għandu jintilef, u għalhekk il-konvenut ma kellux għażla ħlief li jkompli bl-ordni abbażi tal-prezz superjuri kif insistiet is-soċjetà attriċi;

- Illi wara l-konsenja tal-kċina, il-konvenut kien dispost iħallas il-bilanċ oriġinarjament miftiehem (jiġifieri dak ta' €2,300) iżda s-soċjetà attriċi rrifjutat dan il-ħlas;

- Illi għalhekk, il-konvenut ma ħallasx dan il-bilanċ;

- Illi għalhekk, il-konvenut m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din l-azzjoni u lanqas tal-atti ġudizzjarji msemmija;

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Settembru 2023.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Jirriżulta mill-atti li għalkemm is-soċjetà attriċi qed titlob ħlas ta' €2,900, il-konvenut jaqbel u saħansitra eċċepixxa li huwa jagħraf li għandu jagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,300. Għalhekk, fil-verità, hija s-somma ta' €600 bejn dawk iż-żewġ ċifri li l-partijiet mhumiex jaqblu dwarha.

Jirriżulta wkoll mill-atti – u dan qiegħed jingħad sabiex jingħata sfond – li l-konvenut ma riedx il-kċejjen għall-użu tiegħu, iżda sabiex ikunu nstallati f'xi appartamenti li huwa kien bena. Fil-fatt, saret pjena referenza għall-fatt li almenu waħda mill-kċejjen kienet ser tkun installata f'appartament li nxtara minn ċertu Nicole Borg, u li l-istess Nicole Borg u missierha, Charlie Borg, kienu marru flimkien mal-konvenut fix-*showroom* tas-soċjetà attriċi. Sfortunatament, għalkemm jidher li Nicole Borg u Charlie Borg kienu xhieda okulari rigward dak li seħħ u li ntqal fix-*showroom*, ħadd minnhom ma tressaq sabiex jixhed u b'hekk jixħet aktar dawl fuq il-kwistjoni.

Kemm fir-risposta, kif ukoll fid-depożizzjoni tiegħu, il-konvenut saħaq li huwa kien lest iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' €2,300. Madankollu, it-Tribunal assolutament ma jistax jifhem għaliex dan l-ammont ma ġiex iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu. Il-konvenut ma jistax jinsisti li huwa dispost li jħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' €2,300 meta huwa naqas kompletament li jagħmel użu mill-mezzi li tipprovdi l-liġi, ċioè ċ-ċedola ta' depożitu. Għalhekk, kemm-il darba t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont relattiv, il-konvenut ċertament għandu jbati proporzjon korrispondenti tal-ispejjeż.

Bl-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet tas-soċjetà attriċi ċertament jimmeritaw li jkunu milqugħa almenu sal-ammont ta' €2,300. Jifdal għalhekk li t-Tribunal jeżamina jekk l-ammont rimanenti ta' €600 huwiex dovut lis-soċjetà attriċi.

In eżami, iż-żewġ persuni li s-soċjetà attriċi ressqet sabiex jixhdu kienu ferm xotti f'dak li qalu. Huma spjegaw li l-vertenza in litiġju hija dwar żewġ kċejjen u li fil-fehma tagħhom, il-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba. Kien biss fil-kontro-eżami (fol. 63 *et seq.*) li Giordano Perucchini spjega li t-tibdiliet li ried il-konvenut kienu jirrigwardaw xi *cupboards* u kxaxen, u per konsegwenza, il-prezz għola. Perucchini kien ferm insistenti li l-konvenut ġie nfurmat li l-modifikazzjonijiet li huwa ried kienu ser iġibu magħhom tibdil fil-prezz. Madankollu, għalkemm Gaspare Oddo u Giordano Perucchini qalu li l-prezz kien għola minħabba diversi aċċessorji li ried il-konvenut, huma qatt ma spjegaw eżattament x'kienu dawn l-aċċessorji li minħabba fihom għola l-prezz. Inoltre, għalkemm huma ppreżentaw diversi *invoices*, ippreżentawhom bħala mazz dokumenti u ma ndenjawx ruħhom jispjegawhom waħda waħda.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut Joseph Camilleri spjega li darba fost l-oħrajn, meta kien għadu qed jistenna l-konsenja tal-kċejjen, Gaspare Oddo talbu jmur sax-*showroom* biex jitkellmu. Camilleri ħa miegħu lil Nicole Borg u lil missierha Charlie Borg. Camilleri qal li Oddo spjegalu li l-prezz kien ser jogħla minħabba xi ġnub tal-kċejjen. Essenzjalment, huwa spjega li meta kienu qed jintagħżlu l-kċejjen, kellha ssir għażla dwar jekk it-tarf kienx ser ikun *cupboard* jew serje ta' xkafef. L-għażla kienet li waħda mill-kċejjen kienet ser tispiċċa b'*cupboard* u l-oħra kienet ser tispiċċa b'serje ta' tlett xkafef, iżda skont il-konvenut, dawn iż-żewġ *options* kellhom l-istess prezz. Meta Camilleri ra li Oddo baqa' jinsisti fuq iż-żieda fil-prezz, ried iħoll il-kuntratt u jingħata d-depożitu lura, iżda Oddo rrifjuta. Huwa mbagħad qal li Oddo sfurzah jiffirma dokument, liema dokument qatt ma ġie ppreżentat fl-atti ta' din il-kawża.

Gaspare Oddo u Giordano Perucchini essenzjalment qalu li l-prezz tela' minħabba diversi aċċessorji li ordna l-konvenut. Madankollu, ma pprovdewx lista ta' dawn l-aċċessorji li skonthom, għollew il-prezz. Miżjud ma' dan, l-Avviż tat-Talba jorbot il-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi mal-*invoice* numru 1490, li ġiet ippreżentata u tinsab a fol. 20 tal-atti proċesswali. Din l-*invoice* hija datata 19 ta' Diċembru 2020 u huwa minnu li tindika l-ammont ta' €4,900 bħala total, li minnhom kienu diġà tħallsu €2,000. Sfortunatament, fix-

xhieda tiegħu, il-konvenut ma għamel ebda referenza għal dan id-dokument, li donnu jxejjen dak li jgħid hu. Il-konvenut ma jallegax, pereżempju, li dik l-*invoice* hija żbaljata jew li ġiet issuperata minn *invoice* aktar riċenti.

Min-naħa l-oħra, għalkemm is-soċjetà attriċi torbot il-kawża mal-*invoice* numru 1490 u mbagħad id-diriġenti tas-soċjetà attriċi jinsistu li l-prezz għola minħabba l-aċċessorji żejda li l-konvenut ried, din l-istess *invoice* numru 1490 ma ssemmi assolutament ebda aċċessorji, iżda torbot l-ammont sħiħ (ċioè €4,900) bħala l-ammont dovut għall-kċina mingħajr aċċessorji. Fil-fehma tat-Tribunal, dan il-fatt idgħajjef it-teżi tas-soċjetà attriċi konsiderevolment.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti esebiti, u sema' l-partijiet jittrattaw, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, kif ukoll fid-dawl tal-ammissjoni parzjali tal-konvenut u l-fatt li m'hemmx prova li huwa qatt ippreżenta ċedola ta' depożitu, jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi limitatament għall-ammont ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) u jikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi, bl-imgħax kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u dekorribbli mid-data tal-konsenja effettiva tal-kċina relattiva (stante li l-bilanċ kien dovut mal-konsenja);

ii. Jiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas tal-ispejjeż tal-ittra uffiċjali relattiva u għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-mandat ta' sekwestru ladarba ma ġiet ippreżentata ebda prova tal-eżistenza tal-istess atti ġudizzjarji.

Billi t-Tribunal laqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi (inkwantu s-sorte) fil-proporzjon ta' disgħa u sebgħin fil-mija (79%), it-Tribunal qiegħed jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas disgħa u sebgħin fil-mija (79%) tal-ispejjeż ta' din il-kawża filwaqt li s-soċjetà attriċi għandha tħallas wieħed u għoxrin fil-mija (21%) tal-ispejjeż.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
*B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.*
**Ġudikatur**